MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2276/2003

**Nicholas Young f'ismu propju u ghan-nom tad-ditta Cotswold Industries**

**Vs**

**Concorde International Freight Forwarders Limited u b'digriet tat-Tribunal tas-27 ta' Frar 2004 giet imsejha fil-kawza l-kumpanija Advance Shipping Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u disa' centezmi (Lm275.09c) rapprezentanti valur ta' oggetti misjuba neqsin mill-*container* kontenenti merkanzija ta' l-attur nomine, waqt li dawn kienu qieghdin f'idejn is-socjeta' konvenuta li giet inkarigata mill-attur nomine sabiex iggib il-merkanzija minn barra, liema nkarigu kien jirrigwarda l-konsenja *to door* tal-merkanzija in kwistjoni.

Ra r-Risposta ta’ Concorde International Freight Forwarders Limited li biha eccepew li ghandhom jigu mharrka wkoll Advance Shipping Limited li gew subkuntrattati.

Illi l-polza ta’ karigu tindika li qabel ma telqet il-merkanzija mill-Ingilterra illi “*the goods were insufficiently packed for export*” peress li l-oggetti gew stivati u ssigillati mis-*supplier* ta’ l-attur allura l-konvenuti m’ghandhom l-ebda responsabbilta’ u li ghal dan it-tragitt ghandhom japplikaw il-kundizzjonijiet tal-garr pertinenti ghal dan il-kaz.

Ra d-digriet tas-27 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu giet imsejha fil-kawza s-socjeta’ Advance Shipping Limited u li din is-socjeta’, ghalkemm notifikata, ma ressqet l-ebda Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Nicholas Young u ta’ Tonio Bone.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Chris Grima ghall-attur u PL Pauline Mallia ghas-socjeta’ konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur kien xtara l-merkanzija in kwistjoni minghand is-socjeta’ Ronson International Limited fl-Ingilterra u nkariga lis-socjeta’ konvenuta Concorde International Freight Forwarders Limited sabiex titrasporta din il-merkanzija mill-Ingilterra ghal Malta fuq bazi ta’ *door to door*.

L-inkarigu kien li l-merkanzija tingabar minghand Ken Thomas Warehousing, fejn kienet tinstab il-merkanzija, u tigi mwassla hawn Malta.

Da parti tas-socjeta’ konvenuta, biex taffettwa dan it-trasport, kellha tinkariga subkuntratturi ohrajn, u dan billi l-merkanzija kienet giet ikklassifikata bhala merkanzija perikoluza u l-vetturi tas-socjeta’ konvenuta ma kellhomx

id-debita awtorizazzjoni biex igorru merkanzija ta' dan it-tip. Fuq hekk huma ssubkuntrattaw ix-xoghol lil Advance Shipping Limited.

Ghalhekk wara li s-socjeta' nkarigata mill-konvenut cjoe' Alpi UK, gabret il-merkanzija, hija ghaddiet il-merkanzija lil Advance Shipping Limited, u tramide l-Cardinal Maritime Limited il-merkanzija giet trasportata ghal Malta. Jidher illi qabel ma sar l-ahhar parti tat-tragitt, li a bazi tieghu sar il-*house bill of lading* a fol 28 tal-process, fuq dan il-*house bill of lading* inkiteb kumment "*goods received insufficiently packed for export*". M'hemm l-ebda rimarki ohra negattivi.

Dan il-*house bill of lading* jidher li sar f'Manchester fit-3 t'Ottubru, 2003.

Minn ezami tad-dokumenti precedenti jidher illi x-xoghol gie rilaxxat minn Ken Thomas Warehousing minghajr ebda kummenti negattivi, permezz ta' dokument li jidher li gie ffirmat fil-5 ta' Settembru, 2003 minn certu A Foreman, vettura Y978 JGS. Dan jikkombacja wkoll mad-dokument a fol 23 tal-process.
Illi ghalhekk, a bazi tal-premess, jirrizulta minghajr dubju li l-merkanzija giet ikkonsenjata lis-subkuntratturi jew ossija persuni nkarigati mis-socjeta' konvenuta fi stat tajjeb u minghajr l-ebda nuqqasijiet. Jirrizulta mill-provi, minghajr dubju, li meta l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta, kien hemm in-nuqqasijiet mertu ta' din il-kawza.

Illi in materja tat-trasport, a bazi tar-relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, s-socjeta' konvenuta tibqa' dejjem responsabbli ghal kwalsiasi telf li jirrizulta waqt it-trasport. Is-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda prova li permezz taghha hija b'xi mod tista' tigi skolpata. Gie argumentat illi l-merkanzija kienet ippakkjata u fuq il-*packing* fuq in-naha ta' barra kien hemm l-isem tad-ditta Ronson u ghalhekk dan kien jaghmel il-merkanzija attraenti ghan-nies li possibilment kellhom intenzjonijiet kriminali.

Mill-provi jirrizulta wkoll li kien il-gass li kien hekk immarkat. Il-*packaging* tal-*lighters* kien bla kummenti ta' dan it-tip u stante li l-parti sostanzjali tan-nuqqasijiet tirrigwarda *lighters* u mhux gass, dan l-argument certament ma jreggix. F'kull kaz il-merkanzija ngarret bhala *groupage* u cjoe' gewwa *container* flimkien ma' merkanzija ohra u ghalhekk din il-merkanzija ma tigix tant esposta ghall-pubbliku u l-isem fuq il-kaxxa tkun evidenti biss ghall-haddiema li jahdmu gewwa l-*groupage stores* tal-varji trasportaturi jew ta' l-ufficjali ta' l-awtoritajiet koncernanti jekk jiddeciedu li jifthu l-*container* u jezaminawh.

Il-konvenut ipprova jargumenta wkoll illi stante li n-nuqqas sehh fil-mument li t-trasport qieghed isir mis-subkuntratturi, allura huwa m'ghandux ibati r-responsabbilta'. Jigi rilevat illi taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 1642 tal-Kodici Civili, l-kuntrattur huwa responsabbli ghall-atti tal-persuni minnu ngaggati u konsegwentement fl-operazzjoni in kwistjoni, s-socjeta' konvenuta trid taghmel tajjeb ghall-operat tan-nies minnha ssubkuntrattati, li maghhom l-attur m'ghandux azzjoni diretta *ex contractum*.

Issa fir-Risposta taghha, s-socjeta' konvenuta ghamlet referenza li ghandhom jigu applikati d-dispozizzjonijiet relattivi ghat-trasport. Jekk wiehed jassumi li n-nuqqasijiet graw qabel ma sehh il-parti tat-tragitt bil-bahar u cjoe' waqt li l-oggetti kienu qieghdin jigu trasportati *by road* fl-Ingilterra, jidher evidenti li ghalhekk ghandhom japplikaw ir-regoli tas-*CMR Convention*. Taht din il-konvenzjoni, meta jkun hemm trasport minn pajjiz ghal iehor u l-post ta' origini jew id-destinazzjoni jkun wiehed mill-partijiet kontraenti taht din il-konvenzjoni, ghandhom japplikaw ir-regoli tas-*CMR*. Taht il-konvenzjoni tas-*CMR* huwa stipulat li f'kazijiet simili, l-kuntrattur principali huwa dejjem responsabbli ghat-tragitt shih izda jekk ikun hemm fazijiet tal-garr li jkunu gew imhollija f'responsabbiltajiet ta' *carriers* successivi, allura jkun hemm dritt ta' azzjoni solidali kontra dak it-trasportatur individwali jekk jirrizulta li n-nuqqas ikun sehh f'dik il-parti tat-tragitt.

Illi ghalhekk, anki jekk wiehed jikkunsidra din il-konvenzjoni, din hija raguni ohra ghaliex is-socjeta' konvenuta ghandha tigi meqjusa bhala responsabbli ghall-akkadut, salv kull dritt li jista' jkollha kontra s-*successive carrier* li tkun inkarigat.

Finalment jibqa' biex jigi kkunsidrat x'inhi l-pozizzjoni tas-socjeta' msejha fil-kawza Advance Shipping Limited. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li m'hemm l-ebda dokument esebit fl-atti li jigi f'isem ta' din is-socjeta'. Hemm biss ix-xhieda ta' Tonio Bone li ma tantx hi cara fuq dan l-aspett u inoltre, jekk wiehed jipprova jibbaza fuq il-*house bill of lading* tal-Cardinal, dan il-*house bill of lading* diga' jaghti ndikazzjoni li kien hemm problema fil-merkanzija, tant illi meta mtela dan il-*house bill of lading*, hassew il-bzonn li jzidu l-kliem "*insufficiently packed for export*".

Illi ghalhekk it-Tribunal, fuq bazi ta' nsufficjenza ta' provi, ma jistax b'konvinzjoni jasal biex jattribwixxi xi responsabbilta' fuq is-socjeta' msejha fil-kawza.

Ghar-rigward tal-*quantum*, l-ammont mitlub mill-attur gie debitament korroborat kemm bix-xhieda kif ukoll bid-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u disa' centezmi (Lm275.09c) bl-ispejjez u bl-interessi u tillibera lis-socjeta' msejha fil-kawza Advance Shipping Limited b'riserva *si et quatenus* favur is-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza jekk jidrilha li jkun il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------